# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 11 ta' Ġunju, 2020**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 728/08JRM**

Emanuel u Antonia konjuġi **CAMILLERI**, Aaron, Simon, Mary Grace, Gino, u Miriam Jane, ilkoll aħwa Camilleri**.**

vs

Raymond **CAMILLERI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-18 ta' Lulju, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-atturi talbu li l-Qorti (1) ssib li l-imħarrek jaħti għall-qtil volontarju ta' Christopher Camilleri, li seħħ fis-sitta ta' Ottubru tas-sena elf disgħa mija disgħa u disgħin (06/10/1999), u li permezz ta' liema qtil huwa ikkawżalhom danni li għalihom l-istess imħarrek għandu jagħmel tajjeb; (2)

tillikwida d-danni mġarrba, jekk meħtieġ, billi taħtar periti għal dan il-għan; u (3) tikkundanna lill-imħarrek iħallashom id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Lulju, 2008[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa tal-intimat imressqa fis-6 ta' Novembru, 2009[2], li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qal li l-atturi m'għandhomx interess ġuridiku, kif ukoll li t-talbiet tagħhom waqgħu bil-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, ċaħad li jaħti għal dak li ġarrbu l-atturi u żied jgħid li l-inċident seħħ minħabba l-aġir aggressiv tal-vittma fil-konfront tiegħu, u lil hu ddefenda lilu nnifsu biss. Qal li ma hemm ebda dannu x'jiġi likwidat, u li m'għandu jħallas xejn lill-atturi;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-23 ta' Marzu, 2010[3], li bih l-imħarrek irtira t-tieni eċċezzjoni preliminari mressqa fit-Tweġiba Maħlufa:

Rat il-verbal tas-smigh tal-11 ta' Jannar, 2011[4], li bih l-imħarrek irtira l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa mit-Tweġiba Maħlufa;

Rat in-noti mressqa mill-atturi fis-6 ta' Marzu, 2012[5], u fl-20 ta' Marzu, 2012[6], b'dokumenti annessi magħhom;

Rat in-nota imressqa mill-attturi fl-4 ta' Mejju, 2012[7] b'dokumenti annessi magħha;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Novembru, 2013[8], fejn tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub, wara li ddikkjaraw li m'għandhomx iżjed provi xi jressqu;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-25 ta' April, 2014[9], imressqa mill-atturi;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-17 ta' Ġunju, 2014[10], imressqa mill-imħarrek bi tweġiba għal dik tal-atturi;

---

[1] Paġ 16 u 17 tal-proċess
[2] Paġ 29 sa 31 tal-proċess
[3] Paġ. 34 tal-proċess
[4] Paġ. 43 tal-proċess
[5] Paġ 54 sa 56 tal-proċess
[6] Paġ 57 sa 62 tal-proċess
[7] Paġ 64 sa 68 tal-proċess
[8] Paġ 107 tal-proċess
[9] Paġ 112 sa 120 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tal-Att tal-Akkuża Numru 5/2006, safejn rilevanti għal din il-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża dwar danni mġarrba f'inċident li fih persuna nqatlet. L-atturi huma l-ġenituri u ħut il-vittma u werrieta tiegħu. Jgħidu li l-imħarrek jaħti għal dak li ġralu l-vittma u huma, bħala l-werrieta tiegħu, għandhom jiġu kumpensati għad-danni li ġarrbu bil-qtil tiegħu;

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek jilqa' għall-azzjoni attriċi billi jgħid li ma għandu ebda ħtija f'dak li ġralu Camilleri u jikkontesta l-pretensjoni tad-danni mitluba mill-atturi;

Illi għalkemm kien ressaq eċċezzjonijiet preliminari dwar jekk l-atturi kellhomx interess li jmexxu l-kawża u dwar jekk l-azzjoni tagħhom kinitx waqgħet bil-preskrizzjoni, huwa kien irtirahom matul iż-żmien li l-kawża kienet miexja;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li għall-ħabta tal-11 ta' filgħaxija ta' nhar il-Erbgħa, 6 ta' Awwissu, 1999, inqala' inċident fi Triq Fortunato Dalli, iż-Żurrieq. Ftit ħin qabel, Christopher Camilleri (minn issa 'l hemm imsejjaħ "Camilleri") waqqaf il-karozza tiegħu quddiem id-dar ta' Raymond Camilleri, l-imħarrek, bħalma kien jagħmel drabi oħra meta jżur lit-tfajla tiegħu li kienet toqgħod fl-istess triq bħall-imħarrek u ftit lil hinn minnu. Din ma kinetx l-ewwel darba, u Raymond Camilleri laħaq urieħ li ma kienx kuntent b'dan. Fil-jum tal-inċident, meta Camilleri mar lura għall-karozza tiegħu, jara lill imħarrek jirriversja l-karozza għal fuq tiegħu. Camilleri, rrabjat, hedded lill-imħarrek li kien qed jitħajjar jaħraqlu l-karozza. Huwa hebb ukoll għalih billi xejjirlu daqqa ta' ponn bi driegħu x-xellugi, għaliex dakinhar driegħu l-lemini kien fil-ġibs;

Illi f'dak il-ħin u wara li sama' x'kien qallu Camilleri, l-imħarrek daħal ġol-garaxx ta' mad-dar tiegħu u ħareġ b'senter, immira lejn Camilleri u kif ra li kien ser jaħrab, spara u laqtu. Camilleri ħarab u staħba. L-imħarrek sab lil Camilleri baxxut wara karozza u reġa' sparalu. Christopher miet fuq il-post.

---

[10] Paġ 124 sa 141 tal-proċess

L-imħarrek telaq lejn l-għassa u għarraf b'dan kollu lill-Pulizija u l-Pulizija ressqitu u xlietu, fost oħrajn, bi qtil volontarju;

Illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fid-19 ta' Novembru, 2007[11], fil-kawża fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs. Raymond Camilleri,*[12] il-Qorti sabet lill-imħarrek ħati tal-qtil volontarju ta' Christopher Camilleri b'dan illi l-qtil sar fil-waqt li l-imħarrek kien jaġixxi taħt il-ħtieġa tal-bżonn attwali tad-difiża leġittima tiegħu nnifsu iżda ħareġ mil-limiti imposti mill-liġi. Dan l-eċċess jirriżulta li sar minħabba li l-imħarrek inħasad, beża' jew twerwer. Il-Qorti sabitu wkoll ħati talli ġarr arma tan-nar, u li ma kienx qed iġorrha għal xi għan leġittimu;

Illi dakinhar li nqatel Camilleri kellu erbgħa u għoxrin (24) sena u kien għażeb[13]. Fiż-żmien li seħħ l-inċident u kien jaħdem bħala bennej u wkoll jgħin lil missieru fil-produzzjoni tal-melħ mis-salini[14]. L-atturi wirtuh bis-saħħa tal-liġi, għaliex sa dakinhar li miet ma kienx laħaq għamel testment[15];

Illi l-kawża nfetħet f'Lulju tal-2008;

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin mal-każ, l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti huwa dak dwar ir-responsabbiltà ta' dak li seħħ, u dan fid-dawl tat-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjoni mressqa mill-imħarrek, li jridu li (i) l-imħarrek mhux responsabbli għall-inċident; (ii) l-incident seħħ minħabba l-aġir ta' Camilleri; (iii) l-aġir ta' l-imħarrek kien intiż bħala leġittima difiża tiegħu nnifsu u ta' ħwejġu sabiex jilqa' għall-aggressjoni min-naħa ta' Camilleri;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis il-**kwestjoni tar-responsabbiltà għal dak li wassal għall-inċident u għall-mewt ta' Camilleri** fid-dawl kemm tal-pretensjonijiet tal-atturi u wkoll tal-imsemmija difiżi mressqa mill-imħarrek;

Illi l-liġi[16] titkellem ċar dwar ir-responsabbiltà tal-għemil ta' persuna fil-qasam ta' danni mnissla minn delitt. Jaħti ta' għemil bħal dan kull min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[17]. Dan in-nuqqas ta' diliġenza jew għaqal joħroġ ukoll fejn wieħed jonqos minn dmir impost mil-liġi, wkoll jekk dak li jagħmel ikun mingħajr il-ħsieb li

[11] Dok. "B" f'paġġ. 7 sa 12 tal-proċess
[12] Att ta' Akkuża 5/2006
[13] Dok "A", f'paġ. 6 tal-proċess
[14] Ara x-xhieda ta' Emanuel Camilleri f'paġġ. 45 sa 46 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Michael Cardona f'paġ. 73 tal-proċess, Dok. "RB1" f'paġġ. 79 sa 80 tal-proċess
[15] Dok. "C" f'paġġ. 13 sa 15 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "EC2" u Dok. "EC3" f'paġġ. 40 sa 41 tal-proċess
[16] Art. 1031 tal-Kap 16
[17] Art. 1032(1) tal-Kap 16

jagħmel id-deni[18]. Ta' dan id-deni jrid jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri. Dan, wara kollox, huwa meqjus bħala l-għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabbiltà ċivili mnissla mill-għemil doluż jew kolpuż[19];

Illi l-liġi tgħid ukoll li ma jweġibx għall-ħsara li tiġri minn użu ta' jedd fil-qies li jmiss[20]. Il-jedd li wieħed iħares lilu nnifsu huwa wieħed minn dawk maħsuba f'din ir-regola;

Illi ngħad li l-ħsara kaġunata waqt ġlieda jew ħbit m'hijiex la ħsara kuntrattwali u lanqas akwiljana, iżda ħsara li titnissel minn għemil kriminuż vera u proprju li għaliha jgħoddu l-prinċipji tad-dritt penali[21]. Huwa miżmum li minkejja li l-proċediment kriminali u dak ċivili jitmexxew indipendentement il-wieħed mill-ieħor[22], ma hemm xejn barra minn postu li qorti f'kawża ċivili tieħu qies tal-provi u x-xhieda li tkun inġabet quddiem qorti kriminali biex tasal għall-fehma tagħha dwar is-siwi tal-provi li jkunu nġabu u kemm wieħed jista' joqgħod fuqhom[23]. L-istess jingħad dwar sentenza mogħtija minn qorti ta' kompetenza kriminali[24];

Illi f'din il-kawża, l-imħarrek jidher li jsejjes id-difiża tiegħu fuq żewġ binarji: (i) dik ta' għemil aċċidentali jew tal-forza maġġuri, billi jgħid li huwa għamel li għamel minħabba difiża leġittima[25]; u kif ukoll (ii) l-eċċezzjoni tal-kontributorjetà min-naħa tal-vittma billi jgħid li Camilleri kkontribwixxa għall-mewt tiegħu nnifsu għaliex ipprovoka l-inċident u dan kien il-fattur determinanti li wassal għall-inċident[26];

Illi, jibda biex jingħad li l-imħarrek ma jistax jistkenn wara ż-żewġ difizi flimkien. Dan jinghħad għaliex huwa magħruf li l-eċċezzjoni tal-leġittima difiża, li hija mibnija fuq l-aspett li l-ġrajja ma kinux evitabbli, ma toqgħodx flimkien mad-difiża tal-provokazzjoni[27]. Kemm hu hekk ingħad li "*ma hemmx lok għal koesistenza ta' żewg linji difensjonali bażati fuq il-kunċetti ta' provokazzjoni u ta' leġittima difesa, meta si tratta ta' inċident wieħed, stante li, filwaqt li l-provokazzjoni hija bażata fuq il-calor rixae u menomazzjoni tal-kapaċitajiet intellettwali u volutivi tal-aġent, in-nozzjoni ta' leġittima difesa hija bazata fuq l-inevitabbilità tal-azzjoni li l-aġent, ikun kostrett li jagħmel f'sitwazzjoni fejn isib ma' wiċċu aggressjoni gravi u nġusta*";

[18] Art. 1033 tal-Kap 16
[19] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et***
[20] Art. 1030 tal-Kap 16
[21] App. Ċiv. **30.11.1956** fil-kawża fl-ismijiet *Gauċi vs Gauċi* (Kollez. Vol: **XL.i.376**)
[22] Art. 6 tal-Kap 9
[23] P.A. **1.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Cassar*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.768**) u P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Jane Carbonara pro et noe vs Mark Julian Ryan et*** (mhix appellata)
[24] Ara art 627(1) tal-Kap 12 u P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Briffa pro et noe vs Vincent Oliver Abela pro et noe*** u s-sentenzi li jissemmew fiha
[25] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrek f'paġ. 125 tal-proċess
[26] Nota ta' Sottomissjonjiet tal-imħarrek f'paġ. 140 tal-proċess
[27] P.A. NC **13.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Norbert Farruġia vs John Faruġia et***

Illi, madankollu, matul is-smigħ tal-kawża u b'mod partikolari fl-istadju tas-sottomissjonijiet tal-għeluq, l-imħarrek bena d-difiża tiegħu fuq il-leġittima difiża[28]. Għalkemm, ma irrinunzjax għall-eċċezzjoni tal-provokazzjoni (ir-raba' eċċezzjoni), il-Qorti sejra tqis l-argumenti tiegħu taħt it-tielet u l-ħames eċċezzjonijiet tiegħu;

Illi ma hemm l-ebda dubju li ladarba l-imħarrek qiegħed iqanqal il-linja tad-difiża leġittima tiegħu nnifsu, jaqa' fuqu l-piż li jipprovaha[29]. F'dan ir-rigward, ingħad li "*In most civil actions, the burden of the issues is divided, each party having one or more cast upon him. Certainly if the defendant responds to a claim, not by merely denying its existence, but by raising a defence to it, the burden of proving all the elements of the defence will be on him....... And in negligence, the onus of proving the negligence is upon the plaintiff, but if the defendant pleads contributory negligence, the onus of proving it is upon him*"[30];

Illi, mill-fatti u provi dokumentati li jinsabu fl-atti ta' din il-kawża, ma hemm l-ebda dubju li Camilleri miet b'riżultat tal-inċident. Tħalla minxur mejjet wara li l-imħarrek sparalu b'arma tan-nar. Din il-fehma waslet għaliha wkoll l-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha tas-19 ta' Novembru, 2007. Ħadd mill-partijiet ma jmieri dan jew isemmi xi kawżi oħrajn;

Illi waqt li l-Qorti Kriminali sabet ukoll ħtija fl-imħarrek għall-mewt ta' Camilleri, sabet li l-aġir tiegħu kien wieħed skużabbli għaliex irriżultalha li huwa aġixxa taħt il-ħtieġa tal-bżonn attwali tad-difiża leġittima tiegħu nnifsu. Din kienet il-fehma tal-ġurija – li, f'dak li jirrigwarda l-aspett tal-fatti, tistabilixxi dak li jrid jitqies bħala fatt pruvat għall-ġudikant togat. Dik il-Qorti sabet li, minkejja dan, l-imħarrek ħareġ mil-limiti imposti mil-liġi minħabba li nħasad, beża' jew twerwer;

Illi meta wieħed iqabbel ix-xhieda mressqa quddiem il-Qorti Kriminali u dik imressqa quddiem din il-Qorti f'dan ir-rigward, wieħed isib li ftit li xejn hemm x'jingħad dwar ir-responsabbiltà tal-imħarrek għal dak li ġara. Kif ingħad qabel, il-Qrati Ċivili jistgħu iqisu provi, verbali[31] jew indizji li jinkisbu matul proċediment kriminali biex jaslu għad-determinazzjoni ta' fatti fuq bażi tajba ta' prova fil-grad mistenni fi proċediment bħal dan;

[28]§§ 2 – 3 f'paġġ. 125 sa 132 tal-proċess
[29] Maġ (Għ) AE **10.8.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Xerri vs Joseph Rapa et*** (riformata mill-Qorti tal-Appell fit-**2.6.2014**)
[30] Elliott & Phipson *Manual of the Law of Evidence* (12th Edit), paġ. 55
[31] App. Ċiv. **27.7.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Paċe vs Mario Camilleri*** u App. Ċiv. **30.4.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Buġeja et vs Anthony Coreschi et noe***

Illi l-Qorti tagħti affidament qawwi lis-sejbiet tal-Qorti Kriminali, u l-verdett tal-ġurati, li sabet ħtija fl-imħarrek, ukoll fid-dawl tal-fatt li l-partijiet ma resqu ebda prova oħra ġdida quddiemha li tista twassalha għal fehma oħra;

Illi meta l-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha, waslet għall fehma li għalkemm l-imħarrek huwa responsabbli għall-qtil ta' Camilleri, huwa aġixxa taħt il-ħtieġa tad-difiża leġittima tiegħu nnifsu, ukoll jekk eċċessiva;

Illi l-kwestjoni li din il-Qorti issa għandha quddiemha hija din: jekk il-fatt pruvat li l-imħarrek eċċeda d-difiża leġittima tiegħu nnifsu ħelsu mill-ħtija fil-proċediment kriminali, għandux jeħilsu wkoll mill-ħtija f'azzjoni ċivili bħal din. Il-Qorti jidhrilha li, fuq is-saħħa tal-liġi u tal-ġurisprudenza, għandha twieġeb fin-negattiv, u bil-fatt li l-imħarrek instab li eċċeda d-difiża leġittima tiegħu nnifsu jiġi li ma nqediex b'jedd tiegħu (dak li jħares lilu nnifsu) fil-qies li jmiss. Min jaqbeż jew jeċċedi l-limiti tad-difiża leġittima ma jkunx inqeda b'jedd fil-qies tiegħu u jkun mexa b'mod sproporzjonat li jġibu jrid iwieġeb għal għemilu lil min ikun ġarrab ħsara minħabba dak l-għemil[32] (jew lill-werrieta tiegħu), ukoll jekk jista' jkun li ma jerfax waħdu ħtija bħal dik jekk kemm-il darba joħroġ li min ġarrab il-ħsara kellu sehem ukoll f'dak li ġara;

Illi mill-provi li rat din il-Qorti, ħareġ li, wara li Camilleri mar fuq l-imħarrek biex jistaqsih għaliex kien reġġa' l-karozza tiegħu fuq tal-vittma, inqala' kliem iebes li fih, fost l-oħrajn, Camilleri hedded lill-imħarrek li kien se jaħraqlu l-karozza. Ma nġabet l-ebda prova li dak il-ħin kellu f'idejh xi ħaġa li biha seta' wettaq dak li hedded li kien se jagħmel. Minnufih, l-imħarrek daħal f'daru u ħareġ minnha b'senter ikkargat f'idu u wżah waqt li Camilleri kien qiegħed iwarrab minn ħdejh u jipprova jistkenn wara xi karozza oħra. Minbarra li l-imħarrek spara tir wieħed, baqa' jiġri għal fejn kien mistkenn Camilleri u reġa' sparalu u ħallih mejjet fil-post. Fil-fehma tal-Qorti, dawn l-elementi li juru li filwaqt l-imħarrek seta' kien qed jiddefendi lilu nnifsu min tehdida, juru wkoll li r-rejazzjoni tal-imħarrek ma kinitx għal kollox proporzjonata;

Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li għandha toqgħod fuq is-sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek dwar il-leġittima difiża. Issib li l-imġiba tal-imħarrek kienet sproporzjonata, imma ssib ukoll li Camilleri kellu sehem f'dak li ġralu minħabba t-tehdid tiegħu. Għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-kundiserazzjonijiet u bi tħaddim ta' dak li tipprovdi l-liġi fi ħwejjeġ bħal dawn[33], il-Qorti qiegħda tqis li kemm Camilleri u kif ukoll l-imħarrek jaħtu ndaqs għall-inċident mertu tal-każ;

[32] App. Ċiv. **20.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Caruana vs William Mock***
[33] Art. 1051 tal-Kap 16

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-**ewwel talba** attriċi jistħoqqilha tintlaqa' f'biċċa minnha filwaqt li t-**tielet u l-ħames eċċezzjonijiet** mhumiex mistħoqqa għal kollox biex jeħilsu lill-imħarrek mill-ħtija li jwieġeb b'xi mod u f'biċċa minnha għall-imsemmija talba attriċi;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**likwidazzjoni tad-danni mġarrba mill-atturi**, jibda biex jingħad li l-liġi tipprovdi[34] li l-ħsara li l-persuna misjuba responsabbli għal inċident trid twieġeb għaliha hija dik tat-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġab direttament lill-parti mġarrba, l-ispejjeż li l-parti mġarrba kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew ta' qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem. Fejn il-parti mġarrba titlef ħajjitha fi jew minħabba dak l-għemil, il-liġi tagħti lill-werrieta dawk id-danni msemmija flimkien mat-telf u l-ispejjeż attwali ikkaġunati;

Illi, kif ingħad, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jirriżulta li Camilleri kellu erbgħa u għoxrin (24) sena meta nqatel, u dak iż-żmien kien impjegat ma' kumpannija tal-bini. Dak iż-żmien, jidher li kien reġa' ngħabar fid-dar tal-familja tiegħu, wara li kien qatta' xi snin imkeċċi mid-dar. Ma ntweriex jekk l-atturi kinux, b'xi mod jew ieħor, dipendenti tiegħu. Missier l-attur kien għadu jaħdem bħala *watchman* u mbagħad idawwar lira żejda billi jipproduċi l-melħ mis-salini u kellu wkoll opra tal-baħar li biha kien jagħmilha ta' sajjied fil-ħin ħieles tiegħu[35]. Ma ngħad xejn dwar ommu u ħutu, ħlief li kellu ħutu akbar (li jidher li kienu jgħixu għal rashom u jaħdmu wkoll) u wkoll aħwa iżgħar minnu;

Illi, kif ingħad sewwa mill-Qrati tagħna, aċċident mhux xi entità astratta, iżda hu fatt li ġara kif inhu fix-xorta u l-kobor tiegħu; huwa ġrajja bl-inċident inerenti miegħu li minnu jitnisslu d-danni mġarrba mill-vittma u li għalihom irid iwieġeb min, bin-nuqqas tiegħu, jkun ikkawżahom[36];

Illi dan l-eżerċizzju jwassal għall-istħarriġ tat-tieni talba attriċi;

Illi, tajjeb jew ħażin, id-disposizzjonijiet tal-liġi li l-Qorti trid tqis f'każ bħal dan huma l-artikoli 1031, 1032, 1045 u 1046 tal-Kodiċi Ċivili. Il-kwestjoni tal-kumpens dovut mill-parti mħarrka li tinstab responsabbli għad-danni u kemm hu l-ammont li l-parti attriċi jkun jistħoqqilha tirċievi hija waħda li fiha xi aspetti li għandhom jiġu studjati;

Illi, fl-ewwel lok, irid jingħad li f'dan il-każ, l-atturi qegħdin jidhru fil-kwalità tagħhom ta' werrieta ta' Camilleri li tilef ħajtu bl-għemil u, sa ċertu

[34] Art. 1045 u 1046 tal-Kap 16
[35] Xhieda tiegħu f'paġġ. 45 – 7 tal-proċess
[36] App. Ċiv. **2.3.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.163**)

punt, bi ħtija tal-imħarrek u l-kumpens li qegħdin jippretendu mingħand l-imħarrek huwa dak kemm dwar telf attwali (*damnum emergens*) u kif ukoll telf għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) li, fi kliem il-liġi nnifisha, il-Qorti tista' tagħti bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem, meqjusa skond id-disposizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 1045;

Illi **għal dak li jirrigwarda t-telf attwali** mġarrab, l-atturi ressqu bi prova dwar nefqiet attwali ("*damnum emergens*") dokumenti marbuta ma' spejjeż tal-fumeral[37] li jitilgħu b'kollox għal elf erba' mija u ħmistax-il Lira Maltin u erbgħin ċenteżmi (Lm 1,415.40)[38]. Għalkemm l-attur Emanuel Camilleri qal li baqa' jieħu l-kalmanti minn dakinhar li nqatel ibnu, ma tressqet l-ebda prova jew prospett dwar dan. Ma ssemmewx lanqas nefqiet oħrajn;

Illi l-imħarrek jikkontesta li huwa jmissu jidħol għal dik in-nefqa. Fl-ewwel lok, huwa jgħid li, f'kull każ, l-atturi xorta waħda kienu se jkollhom iħallsu n-nefqa tal-fumeral ta' Camilleri wkoll kieku dan miet mewta naturali. Fit-tieni lok, jiġbed l-attenzjoni tal-Qorti li f'dak li jirrigwarda n-nefqa tal-irħama tal-qabar, din jidher li saret sitt (6) snin wara l-mewt ta' Camilleri u ma kinitx nefqa marbuta mal-funerali;

Illi l-Qorti tqis li l-kontestazzjoni tal-imħarrek mhix għal kollox tajba. Fl-ewwel lok, il-Qorti ma taċċettax l-argument li l-atturi xorta waħda kellhom jerfgħu n-nefqa kollha tal-funeral li kieku Camilleri miet mewta naturali, għaliex jibqa' l-fatt li l-funeral kellu jsir minħabba li nqatel u minn dan il-fatt l-imħarrek ma jistax jaħsel idejh: minbarra dan, ħadd ma qal li Camilleri ma kienx jiġi nieqes żmien wara wħud mill-atturi. Fit-tieni lok, il-mewt ta' persuna, tiġi kif tiġi, tintrefa' mill-wirt ta' dik il-persuna, u għalhekk, ladarba l-atturi huma l-werrieta, hija nefqa li ġarrbuha huma. Fit-tielet lok, għal dak li jirrigwarda n-nefqa tal-irħama tal-qabar, jidher li l-imħarrek għandu ftit tar-raġun għaliex din ma saritx biss b'tifkira ta' Camilleri. Mid-disinn mehmuż mal-kont, jidher ċar li l-irħama kienet maħsuba li tfakkar lill-"Familja Camilleri" u għalhekk il-Qorti ssib li l-kumpens irid jitnaqqas ratejalment. F'dan il-każ, il-Qorti tqis li l-piż li jrid jerfa' l-imħarrek f'dan ir-rigward hija sehem minn sebgħa ($^{1}/_{7}$) tan-nefqa, jiġifieri tliet mija u tnejn u tletin euro (€ 332);

Illi għalhekk, it-telf attwali likwidat jitla' b'kollox għal elf u tliet mitt euro (€ 1,300)[39];

---

[37] Dokti f'paġġ. 65 – 8 tal-proċess
[38] Li jġibu € 3,297 fi flus tallum
[39] € 968 + € 332 = € 1,300

Illi, **għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni għat-telf għall-ġejjieni** (*lucrum cessans*) jibda biex jingħad li l-vittma kienet persuna li għadha f'impieg u kellha dħul separat;

Illi, fit-tieni lok, lill-Qorti jirriżultalha bla ebda ħjiel ta' dubju li l-mewt ta' Camilleri kienet il-konsegwenza diretta tal-inċident. Dan ukoll huwa wieħed mill-prinċipji ewlenin fil-qasam tal-likwidazzjoni ta' danni minħabba għemil traskurat jew negliġenti[40], aħseb u ara dwar għemil b'rieda, minkejja li skużabbli. Għalhekk, għal din il-Qorti, ir-rabta bejn il-kawża tal-inċident u l-effetti li ħalla fuq il-vittma tirriżulta tajjeb biżżejjed;

Illi l-parti l-kbira tal-kwestjoni tistrieħ ħafna fuq il-bażi ġuridika li dwarha jingħata l-kumpens meta l-parti attriċi ma tkunx il-persuna li kellha x'taqsam mal-inċident, imma tkun qarib ta' persuna li mietet f'dak l-inċident. Il-liġi tagħna fl-artikolu 1046 tgħid ċar li l-ħlas ta' kumpens huwa dovut lill-werrieta tal-persuna l-mejta u mhux lid-dipendenti, imma, fl-istess waqt, tqabbel l-ammont ta' kumpens ma' dak li jiġi likwidat fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem skond ma jipprovdi l-artikolu 1045;

Illi l-Qrati tagħna dejjem fissru li, f'każ ta' inċident li fih il-vittma tmut, il-kumpens ma jingħatax lid-dipendenti tiegħu imma lill-werrieta, u qalu wkoll li, fil-kalkolu tat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni, m'hemm stabiliti l-ebda regoli fissi li fuqhom il-qorti tista' ssejjes il-konsiderazzjonijiet tagħha. Jeħtieġ jitħarsu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ partikolari u, għalkemm il-Qorti m'għandhiex tirrifjuta li tikkalkola l-kumpens minħabba l-element ta' imprevedibilità, għandha tqis b'moderazzjoni l-ammont ta' kumpens minħabba l-element għoli ta' konġettura li jdur mal-aspett ta' x'jista' jseħħ fil-ġejjieni[41];

Illi fi żvilupp ta' dawn l-ahhar snin, din il-Qorti, b'tifsira iżjed aġġornata ta' dak li jgħid l-artikolu 1046, qieset li meta f'każ ta' mewt l-atturi qraba tal-vittma jfittxu għall-kumpens tal-ħsara mġarrba bħala werrieta, jkunu qegħdin jagħmlu dan għaliex daħlu fil-libsa legali tal-vittma minħabba ċ-ċirkostanza ta' mewtha, u mhux fuq bażi ta' dipendenza u għalhekk jistħoqqilhom jippretendu li jirċievu dak li kien ikun jistħoqq lill-qarib tagħhom, kif tgħid il-liġi nnifisha, kieku f'dak l-inċident ma mietx imma ġarrab ġriehi li jkunu ħallewh għal kollox inkapaċi[42];

Illi, b'danakollu, jidher li l-bażi vera tal-jedd tal-azzjoni mogħtija lill-werrieta tal-vittma l-mejta m'huwiex jedd mogħti *iure haereditatis*, iżda

---

[40] App. Inf. PS **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerald Buġeja vs David Gatt***

[41] App. Ċiv. **22.6.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Petrie et vs Ċiappara*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.364**)

[42] P.A. GCD **17.2.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Turner et vs Francis Aġius et*** (mibdula b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Ċivili fit-**28.11.2003**); u P.A. RCP **29.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmela Attard et vs Stephen Micallef***, fost oħrajn

jedd speċifiku mogħti mil-liġi lilhom[43], u mhux minħabba trasmissjoni *ope successionis*[44];

Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ir-raġunament isib kenn ukoll f'dak li kienet qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Petrie et vs Ċiappara*** tat-22 ta' Gunju, 1964, fuq imsemmija, meta fliet il-kawżali li l-liġi tagħna tqis għal-likwidazzjoni tal-kumpens taht l-artikolu 1045 (li, kif ingħad, huwa espressament applikabbli fil-każ ta' mewt minħabba inċident skond l-artikolu 1046);

Illi l-Qorti tħoss li l-punti ewlenin imsemmija f'dik is-sentenza għandhom jissemmew fil-qosor:

(a) li l-artikolu 1045 jikkontempla erba' (4) għamliet ta' danni li għandhom jiġu risarċiti – jiġifieri: (i) it-telf attwali mġarrab mill-vittma; (ii) spejjeż minfuqin minnu; (iii) telf ta' paga jew qligħ attwali u (iv) telf ta' qligħ għall-ġejjieni;

(b) illi l-vittma jista' jingħata kumpens għat-telf ta' qligħ fil-ġejjieni ukoll jekk ma jintalab jew ma jista' jingħata l-ebda kumpens għal telf ta' qligħ attwali, billi t-telf ta' qligħ attwali mhux kondizzjoni biex jista' jingħata kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni;

(c) illi billi l-kumpens huwa mogħti lill-qraba bħala werrieta u mhux bħala dipendenti, il-grad ta' dipendenza mhux kondizzjoni biex jingħata l-kumpens, għalkemm jista' jittieħed b'qies meta jiġi biex jinħadem l-ammont ta' kumpens dovut[45];

(d) illi, b'effett ta' dan, mhux meħtieġ li jiġi ppruvat li l-vittma kien jaqla' l-flus u/jew li kien jagħti sehem jew jgħajjex bihom lil dawk li wirtuh. Anzi, lanqas id-dipendenza futura m'hija, fil-liġi tagħna, prekundizzjoni u fattur essenzjali għall-ghoti ta' kumpens; u

(e) illi jibqa' xorta l-fatt li l-Qorti jkollha twettaq eżerċizzju ta' diskrezzjoni meta tqis l-elementi kollha li jsawru l-każ dwar x'seta' jiġri fil-ġejjieni;

Illi jekk wieħed japplika dawn il-prinċipji jkun ifisser li l-qisien tal-kumpens għandhom jsiru skond il-kundizzjonijiet prevalenti meta seħħ l-inċident u li, minħabba li l-kumpens ikun ta' somma likwidata li l-ħlas tagħha

[43] P.A. TM **28.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Laura Formosa et vs Emanten Spiteri et*** (riformata mill-Qorti tal-Appell fit-**28.11.2008** fl-aspett tal-likwidazzjoni)
[44] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Galea et vs Silvio Piscopo*** (mhix appellata)
[45] App. Ċiv. **29.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġużeppi Aġius et vs Tarċisju Fenech***

jista' jintalab malli jiġi likwidat, jista' isir tnaqqis *pro rata* biex tagħmel tajjeb għall-fatt li d-dħul ikun sejjer iseħħ qabel ma kien ikun il-każ kieku l-inċident ma ġarax;

Illi għal dak li li jirrigwarda l-likwidazzjoni tat-telf għall-ġejjieni f'dan il-każ jidher li hemm żewġ fatturi ewlenin li jiddeterminaw din il-kwestjoni: l-ewwel waħda hija l-età tal-vittma dak inhar li ġara l-inċident, u t-tieni hija l-fatt li hu kien impjegat bi qligħ;

Illi dwar il-qies tal-*multiplier* il-Qorti tħoss li jkun xieraq li tagħmel riferenza għal dak li hu mgħallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jingħad li *"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expection of life of the dependants… There must also be a discount for the uncertainties of life… Discount must also be made for the fact that the dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death…*"[46];

Illi l-atturi ma kinux f'qagħda li jġibu provi ta' kemm kien jaqla' Camilleri mill-impieg tiegħu. Jidher li, għalkemm kien dejjem jaħdem fl-istess qasam (dak ta' bennej), ma kienx isaddad wisq fl-impiegi li kellu. Minbarra dan, tista' tgħid li kull wieħed mill-imgħallmin li nġab biex jixhed dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-dħul tiegħu, ħadd minnhom ma seta' jsib tagħrif konkret li fuqu din il-Qorti setgħet tkejjel il-kalkoli tagħha. Lanqas ma tressqu provi dwar id-denunzji tat-taxxa tad-dħul li setgħu saru minn Camilleri fiż-żmien li kien ilu jaħdem;

Illi dan ma jfissirx li l-Qorti ma għandhiex tagħti kumpens jew m'għandhiex tinqeda b'indizji konkreti biex bihom tasal biex twettaq dan l-eżerċizzju. L-atturi jissottomettu li l-Qorti għandha toqgħod fuq il-pagi kif imfassla fl-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi[47] relattiva għas-sengħa tal-bennejja jew dawk imdaħħla fil-qasam tal-bini[48]. Jgħidu wkoll li l-Qorti għandha tħaddem *multiplier* ta' wieħed u erbgħin (41) biex iwassal għall-anqas għas-sena li fiha Camilleri kien jerfa' mix-xogħol. Fuq kollox, jgħidu li ma għandu jsir l-ebda tnaqqis u la tal-fatt li se jsir ħlas f'daqqa u lanqas tal-konsum jew grad ta' dipendenza;

[46] Thomas Saunt *Damages for Personal Injury and Death* (Tielet Ediz, 1986), pag 53
[47] A.L. 27 tal-1980 kif emendat (L.S. 452.59)
[48] Ix-xhud Kurt Balzan, mid-Dipartiment tal-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali xehed f'dan is-sens f'paġġ. 87 – 8 tal-proċess

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek jilqa' għal dawn il-pretensjonijiet billi jqajjem bosta argumenti li jaqgħu taħt sitt (6) irjus. Fl-ewwel lok, jisħaq li l-atturi naqsu li jressqu provi ċari tad-dħul dikjarat li kellu Camilleri u dan kien jaqa' fuqhom li jagħmluh fil-grad li titlob il-liġi, u saħansitra qajjem dubji dwar kemm kien minnu li Camilleri kien jaħdem fil-qasam li jsemmu l-atturi. Fit-tieni lok, jgħid li għandu jsir tnaqqis ta' konsum li Camilleri kien jagħmel irid u ma jridx biex jonfoq għall-ħtiġijiet tiegħu minn dak li jaqla' minn xogħolu. Fit-tielet lok, huwa jgħid li l-atturi ma wrewx li kienu jiddependu għall-għixien tagħhom minn Camilleri qabel ma nqatel, u jisħaq li hemm dubju kemm kien jgħix f'dar il-ġenituri tiegħu, u dan għandu jfisser li jrid isir tnaqqis qawwi f'dan ir-rigward minn xi somma likwidata. Fir-raba' lok, dwar il-*multiplier,* l-imħarrek jgħid li l-Qorti ma għandhiex tħaddem kejl ogħla minn tnejn u għoxrin (22) sena għaliex l-inċertezza dwar kemm Camilleri kien idum ħaj tikber aktar ukoll. Fil-ħames lok, l-imħarrek jgħid li, f'kull każ, Camilleri kellu sehem f'dak li ġara u għalhekk parti mill-piż irid jintrefa' minnu wkoll. Fis-sitt lok, għandu jsir tnaqqis ieħor minn xi ammont likwidat ladarba s-somma se' titħallas f'daqqa u qabel ma Camilleri kien jirċievi ħlas li kieku baqa' ħaj;

Illi dwar l-ewwel argument tal-imħarrek, il-Qorti ssib li huwa minnu li l-provi dwar l-impieg ta' Camilleri huma dgħajfa u mċajpra. Madankollu, dan ma jfissirx li l-atturi ma ippruvaw xejn minn dak li jallegaw. Minj-naħa tiegħu, l-imħarrek ma seħħlux jipprova li Camilleri ma kienx impjegat, u x-xhieda li ressqu l-atturi ma qalux li Camilleri ma kienx għamel xi żmien jaħdem magħhom: kollha kienu kumpanniji mdaħħla fil-bini u proġetti bħal dawn u dan jikkonferma dak li qalu l-atturi;

Illi fin-nuqqas ta' provi aħjar, il-Qorti sejra timxi mar-regola tal-anqas dħul għal ħaddiem ta' dik is-sengħa fuq bażi *full-time*. Issa jekk wieħed iqabbel ir-rata ta' paga f'ġimgħa kif imkejla fil-liġi li tgħodd għal dik il-kategorija ta' ħaddiema[49] mal-paga minima nazzjonali għal persuna tal-istess età fl-eqreb żmien li qiegħda tingħata din is-sentenza[50], għandu jsib li bejn is-sena meta Camilleri tilef ħajtu (1999 - € 110.37) u din l-eqreb data (2019 - € 178.51), il-paga minima żdiedet b'medja ta' sitta punt tnejn fil-mija (6.2%) jew tliet euro u erbgħin ċenteżmi (€ 3.40) fil-ġimgħa[51]. Meħud fuq il-firxa taż-żmien rilevanti, dan iġib medja ta' dħul gross ta' mitejn u ħdax-il euro (€ 211) fil-ġimgħa, jew għaxart elef disa' mija u sebgħin euro (€ 10,970) fis-sena li l-Qorti sejra tħaddem bħala l-multiplikand;

Illi dwar l-aspett tat-tnaqqis minħabba l-konsum li Camilleri kien jagħmel mi-dħul tiegħu, il-Qorti ma tistax taqbel mal-atturi fis-sottomissjonijiet

[49] Ara reg. 3(1)(b)(i) tal-A.L. 27/80 (L.S. 452.59) li tistabilixxi paga ta' € 183.99 fil-ġimgħa għal ħaddiem ta' 'l fuq minn 18-il sena
[50] Reg. 2 u 4(3) tal-A.L. 126/92 (L.S. 452.71) li titla' għal € 178.51 fil-ġimgħa
[51] €178.51 - €110.37 = €68.14/€110.37 = 6.2%

tagħhom, u l-fatt li kien għadu ta' età żgħira u miet fi żmien ta' attività qawwija fil-bini f'Malta ma jfissirx li, jaqla' kemm jaqla', Camilleri ma kien se jonfoq xejn mid-dħul tiegħu biex jgħajjex lilu nnifsu (jekk mhux ukoll lis-sieħba u t-tarbija li kellu minnha). Minbarra dan, il-kalkolu tal-moltiplikand li ssemma qabel inħadem fuq kejl ta' dħul gross – għaliex il-liġi titkellem fuq dħul gross fl-imsemmija Avviżi Legali – u għalhekk, parti minn dan il-"konsum" kellu jsir bilfors permezz ta' ħlas tat-taxxa tad-dħul u wkoll ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali[52]. F'dan ir-rigward, u meta l-Qorti qieset il-fatturi rilevanti maċ-ċirkostanzi personali ta' Camilleri, jidher xieraq li għandu jkun hemm tnaqqis ta' ħamsa u tletin fil-mija (35%) għall-konsum personali;

Illi għar-rigward tal-kwestjoni tal-grad ta' dipendenza, il-Qorti ssib li għandha tagħti widen għal xi sottomissjonijiet li għamel l-imħarrek nu ma tistax taqta' għad-dritt kif iridu l-atturi u ma tiħux qies ta' dan l-aspett. Kien mistenni li l-atturi juru li huma, jew min minnhom, kienu jiddependu għall-għixien tagħhom jew l-appoġġ finanzjarju minn qaribhom il-mejjet sakemm dam jaħdem u sakemm dam ħaj. Kif ingħad qabel, hemm bosta ċirkostanzi dubjużi li ma jitfgħux dawl ċar fuq jekk kienx hemm tabilħaqq grad ta' dipendenza fuq Camilleri, u x-xhieda ta' missieru tagħti x'tifhem li kien iwieżnu hu, l-aktar fejn kien jidħol id-dħul mill-qbid tal-ħut. Ma jidhirx li Camilleri kien isostni 'l familtu bid-dħul mill-impieg tiegħu, u jidher li kellu obbligi oħrajn lejn persuni li mhumiex parti fil-kawża;

Illi, f'każ bħal dan, u fuq is-saħħa tax-xejra meħuda mill-Qrati dwar dan l-aspett (li ma joħroġx espressament mil-liġi, iżda li huwa fattur li jaf l-iżvilupp tiegħu minn attività ġurisprudenzjali[53], u li mhux dejjem kien inkontestat[54]), il-Qorti tagħraf li f'dan ir-rigward l-imħarrkin qegħdin jgħidu sewwa. Dan jingħad ukoll minħabba l-fatt li l-kriterju li l-liġi trid għall-għoti tal-kumpens f'każijiet bħal dan m'huwiex dak ta' "tpattija" lill-parti ħatja, daqskemm ta' radd lura lill-parti mġarrba (f'dan il-każ, qrabat il-mejjet) tal-ħsara li l-mewt tkun ġabet magħha[55]. Meħud kollox b'qies minn dak li joħroġ mill-atti, il-Qorti jidhrilha li għandha tħaddem tnaqqis ta' ħamsin fil-mija (50%) mis-somma likwidata minħabba l-grad ta' dipendenza[56];

Illi fir-rigward tal-*multiplier* dan normalment jintuża bħala meżż biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-attur jiġi kalkolat fuq medda ta' żmien. Huwa strument ta' kejl tad-danni li dwaru l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bħala "*a figure*

[52] Ara P.A. AE **4.5.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Azzopardi et vs Anthony Caruana*** (mhix appellata)

[53] Ara, per eżempju, Maġ (Għ) AE **3.7.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmela armla Cassar et vs Il-Prim Ministru ta' Malta et*** (konfermata fl-Appell fis-**26.3.2010**) għal eżami mirqum tal-kriterji mħaddma

[54] Ara, per eżempju, P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Galea vs Silvio Piscopo***

[55] App. Ċiv. **27.7.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Francesco Sultana et vs Francis Xavier Grech et***

[56] Ara P.A. GMA **24.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef St John et vs Richard Spiteri et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-**15.1.2002**)

*somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of* ***estimation in the light of the facts*** *of the particular case and of other comparable cases*"[57];

Illi huwa stabilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[58] (f'dan il-każ, kienu ġrieħi mortali), u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Kemm hu hekk, fejn jirrigwarda l-kejl tal-*multiplier* f'każ fejn il-vittma titlef ħajjitha, xi awturi jiktbu hekk: *"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expection of life of the dependants… There must also be a discount for the uncertainties of life… Discount must also be made for the fact that the dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death…*"[59];

Illi minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija sewwasew fil-massimu tal-*multiplier*, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Iżżid tgħid li l-kriterju tal-*multiplier* ma jintemmx hekk kif persuna tagħlaq l-età tal-irtirar mix-xogħol u lanqas il-Qrati tagħna ma jidher li jħaddnu din il-fehma[60]. Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara[61], u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[62], illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[63];

---

[57] Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 122
[58] App. Ċiv. **16.11.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri***
[59] Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz, 1986), pag 53
[60] Ara, per eżempju, P.A. GV **28.2.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuele Buhaġiar vs Kyle Stone et*** u Maġ (Għ) AE **25.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Conti et vs Salvu Mifsud*** (mhix appellata)
[61] App. Kumm. **26.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Buġeja noe et vs George Aġius et noe*** (mhix pubblikata)
[62] Kumm. **11.7.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Aġius vs Joseph Galea et noe*** (mhix pubblikata)
[63] P.A. **15.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Karen Żimelli vs Michael Sammut*** ; P.A. RCP **25.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited***; u App. Ċiv. **15.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef StJohn et vs Richard Spiteri et***

Illi meta seħħ l-inċident, Camilleri kellu erbgħa w għoxrin (24) sena, u għalhekk ukoll fid-dawl ta' dak li ngħad iżjed 'l fuq, il-Qorti sejra tqis *multiplier* ta' ħamsa u tletin (35) sena bħala xieraq u applikabbli għall-każ tal-attur;

Illi dwar it-tnaqqis li s-soltu ġieli jsir minħabba li l-likwidazzjoni tad-danni se tkun qiegħda ġġib ħlas ta' somma li tgħodd fiha ħlas bil quddiem (*lump sum payment*), il-Qorti ma jidhrilhiex li f'dan il-każ jixraq li jsir tnaqqis bħal dan, minħabba li se jkun għadda żmien wisq minn dakinhar li Camilleri nqatel;

Illi hekk ukoll, minħabba li Camilleri tilef ħajtu, umhux biss ġarrab debilità li ma tgħaddix, jitqies li t-telfa tiegħu ġrat daqslikeku ġarrab mija fil-mija (100%) ta' debilità, u għalhekk is-somma li tirriżulta mil-likwidazzjoni titħallas kollha;

Illi, fl-aħħarnett, dwar is-sottomissjoni tal-imħarrek li Camilleri kien jaħti wkoll, il-Qorti tirreferi għall-kunsiderazzjonijiet li għamlet aktar qabel dwar il-kwestjoni tal-ħtija, u tqis li ladarba sabet li Camilleri u l-imħarrek jaħtu ndaqs, it-tnaqqis tan-nofs l-ammont riżultanti huwa f'postu;

Illi għalhekk, bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni, il-Qorti qiegħda tillikwida s-somma ta' mija u erbgħa u għoxrin elf tmien mija u sitt euro (€ 124,806)[64]. Ma' din is-somma għandha tiżdied is-somma ta' elf u tliet mitt euro (€ 1,300) likwidata aktar qabel bħala telf attwali. B'hekk, id-danni kollha mġarrba mill-atturi minħabba l-mewt ta' qaribhom jitilgħu għal mija u sitta u għoxrin elf u mija u sitt euro (€ 126,106);

Illi, minħabba li l-Qorti sabet li l-imħarrek imissu jerfa' biss nofs il-ħtija ta' dak li ġara, jiġi li, għall-finijiet tat-**tieni talba attriċi**, huwa jrid iħallas lill-atturi tlieta u sittin elf u tlieta u ħamsin euro (€ 63,053);

Illi għalhekk, għall-finijiet tat-**tielet talba attriċi** l-imħarrek għandu jħallas lill-atturi, flimkien bejniethom, l-imsemmija somma kif hekk likwidata, flimkien mal-imgħax legali fuqha b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[64] €10,972 x 35 x 0.65 x 0.5 = € 124,806.50

**Tilqa' f'parti l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrek jaħti f'parti għall-qtil ta' Christopher Camilleri, iżda dan minħabba eċċess ta' leġittima difiża u għalhekk hemm ħtija ndaqs ukoll min-naħa tal-istess Camilleri;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrba mill-atturi li l-imħarrek irid jagħmel tajjeb għalihom fis-somma ta' tlieta u sittin elf u tlieta u ħamsin euro (€ 63,053);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-atturi lkoll bejniethom is-somma ta' tlieta u sittin elf u tlieta u ħamsin euro (€ 63,053) bħala danni hekk likwidati, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li **l-ispejjeż** tal-kawża jinqasmu ndaqs bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**Onor Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**11 ta' Ġunju, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**11 ta' Ġunju, 2020**